MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

6 ta' Diċembru 2018

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li l-istabbiliment:

# Draz's Dinghy Boats, Jetskis and Scooters

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal- Konsumaturi.

Il-konsumatur kien xtara mutur tal-baħar, illi wara li nxtara ma bediex jaħdem. Minkejja li sariltlu xi tiswija, xorta baqa' bl-istess problema.

It-Tribunal innota li għalkemm l-intimat kien ġie debitament notifkat kemm bl-Avviż tat-Talba u bid-data u l-ħin tas-smiegħ, ma deherx għas-seduta. Dan in-nuqqas għat-Tribunal kien ifisser li l-intimat mhux qed jikkontesta t-talba.

Għaldaqstant, wara li sema' lir-rikorrenti, it-Tribunal emmen il-verżjoni tiegħu u ordna lill-intimat iħallsu is-somma ta' €850, il-prezz tal-prodott, kif mitlub mill-konsumatur. Wara li jsir il-ħlas, il-mutur tal-baħar għandu jerga' jsir propjetà tal-istabbiliment.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali (Affarjiet tal-Konsumatur)